**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 133/2011**

**Nazzareno Magro I.D. 604223M**

**vs**

**Mario Camilleri f'ismu personali u ghan-nom tal-werrieta kollha tal-mejjet Victor Camilleri u ITC Limited ghal kull interess li jista jkollha u b'digriet tas-26 ta' Marzu 2012 saret korrezzjoni fis-sens illi tnehha il-kliem kollha li jipprezentaw lill-intimati hlief ITC Limited**

**Illum, 27 ta' April 2017**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

1. Illi l-esponenti huwa s-sid tal-garaxx ossija mahzen li jinsab 71, Sister Street, Paola li hu kien xtara minghand terzi persuni bil-kera diga ezistenti ‘il fuq minn erbghin sena ilu;

2. Illi meta l-esponenti kien xtara l-garaxx ossija mahzen, huwa kien xtrah b’kera favur Victor Camilleri ta’ Lm30 fis-sena li illum huwa mejjet;

3. Illi Victor Camilleri kien juza dan il-garaxx biex jahzen l-affarijiet li hu kien ibiegh u wara li miet Victor Camilleri l-esponenti beda jircievi l-kera minghand ulied Victor Camilleri Mario u Joseph Camilleri;

4. Illi fil-ktieb tal-kera li jzomm l-esponenti huwa dejjem indika lill-kerrejja bhala “l-ahwa Camilleri” izda c-cekk li bih l-esponenti kien jithallas kien johrog minghand ITC Limited;

5. Illi l-intimati ilhom ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena jew aktar ma juzawx il-garaxx, tant li hu dejjem maghluq u fih anke l-hsara;

6. Illi l-esponenti ghandu bzonn dan il-garaxx ghan-neputi tieghu peress li jixtieq juzah biex isewwi l-kompjuters fih u b’hekk joffri servizz ta’ tiswija ta’ kompjuters;

7. Illi l-esponenti jaf li anke ilma dahal fil-garaxx u l-bieb hu msaddad u nzebagh biss hekk kif l-esponenti baghat ittra legali lill-intimati. L-esponenti jaf li hemm hsarat kbar f’dan il-garaxx.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jiddikjara t-temma tal-kirja ghar-ragunijiet suiccitat u jiffissa perjodu ta' zmien li fih l-intimati ghandhom jizgumbraw minn dana l-garaxx ossija mahzen.

Ra wkoll ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:

Illi l-ewwel lok u preliminarjament, ghall-integrità tal-gudizzju huwa mehtieg illi r-rikorrenti jintavola l-proceduri neccessarji sabiex l-intimat Mario Camilleri jinhatar kuratur *at litem* ghan-nom tal-werrieta kollha tal-mejjet Victor Camilleri;

Illi l-intimati Mario Camilleri u l-werrieta kollha tal-mejjet Victor Camilleri m'huwiex il-legittimi kontraditturi f'din il-kawza u ghaldaqstant ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju u m'ghandhomx ibatu l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

Illi l-fond ossia mahzen li jinsab 71, Sisters Street, Paola huwa mikri lis-socjetà intimata I.T.C. Limited;

Illi l-ircevuti tal-kera ilhom ghal zmien twil johorgu f'isem is-socjetà intimata;

Illi s-socjetà intimata tuza dan il-mahzen sewwasew biex tahzen il-merkanzija li hija tbiegh u ghalhekk m'huwiex minnu li l-intimati ilhom ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena jew aktar ma juzaw dan il-garaxx u li dan il-mahzen huwa dejjem maghluq;

M'huwiex minnu lanqas li hemm hsarat kbar f'dan il-fond jew li dahal l-ilma fih u fil-fatt il-mahzen huwa mimli bil-merkanzija;

Illi stante l-fond in kwistjoni huwa mahzen b'destinazzjoni kummercjali hija insostenibbli t-talba ghar-ripreza safejn jirrigwarda l-bzonn tar-rikorrenti jew il-familjari tieghu.

Ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghat-terminazzjoni tal-kirja u r-ripreza tal-fond in kwisjtjoni huma bla bazi legali u s-socjetà esponenti titlob li jigu rspinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Ra illi fis-seduta tal-01 ta' Dicembru 2016, il-partijiet ghamlu s-sottomissjonijiet orali taghhom u l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ra l-atti kollha tal-kawza u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti qed jitlob l-izgumbrament ta' l-inkwilini mill-garaxx mertu tal-kawza minhabba (1) non uzo, (2) ghax ghandu bzonnu biex juzah n-neputi tieghu u (3) minhabba hsarat kbar. L-intimati jeccepixxu li (1) mhux minnu li l-mahzen jinzamm maghluq, (2) mhux minnu li hemm hsarat kbar u (3) l-imsemmi garaxx huwa mahzen b'destinazzjoni kummercjali u ghalhekk ma tapplikax il-kawzali ghar-ripreza minhabba bzonn tar-rikorrenti jew il-familjari tieghu.

Illi permezz ta' nota a folio 24 tal-process ir-rikorrent "qed icedi l-kawza fil-konfront ta' Mario Camilleri f'ismu personali u ghan-nom tal-werrieta kollha tal-mejjet Victor Camilleri, filwaqt li jzomm ferm it-talba fil-konfront tas-socjetà ITC Limited."

Illi konsegwentament l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-intimati gew sorvolati.

Illi r-rikorrent gab diversi provi li juru l-istat li fih jinsab dan il-fond esterjorment. Meta giet istitwita l-kawza l-bieb kien jinsab fi stat hazin, iz-zebgha tieghu kienet spiccat, ma kienx jaghlaq sew ghax kien imzaqqaq ’il gewwa u kien jinghalaq b’katnazz li kien kollu sadid. Il-hajt tal-faccata tal-istess bieb kien ukoll f’qaghda hazina, bil-gebel imermer u tikhil imwaqqa’. Matul il-proceduri xi hadd ha hsieb jirranga dawn in-nuqqasijiet izda s-sitwazzjoni li tapplika sabiex wiehed jara kienx hemm hsara fil-fond hija dik qabel gew istitwiti l-proceduri u mhux wara. Inkella jkun konvenjenti hafna ghall-inkwilin li jhalli l-fond jiddegrada tul is-snin, kif gara fil-kawza odjerna, u jekk jigi rinfaccjat b’kawza jaghmel xi manutenzjoni fil-mori.

Illi r-rikorrenti gab bizzejjed provi ukoll biex juri li l-fond ma kienx qed jintuza. Fil-fatt diversi xhieda li jghixu fl-inhawi jghidu li sa raw grieden dehlin u hergin mill-imsemmi fond. Is-Sindku tal-post xehed ukoll li kellu lmenti dwar hmieg u rwejjah hergin mill-imsemmi fond. Jirrizulta wkoll li wara li l-intimati rcevew il-kawza l-fond kien tnaddaf u tnehha l-imbarazz bi trakk tas-socjetà intimata.

Mhux biss izda l-istess xhieda jikkonfermaw li dan il-fond qatt ma raw xi attività fih u qatt ma rawh miftuh.

Illi da parti taghha ghalkemm is-socjetà intimata teccepixxi li l-imsemmi fond jintuza bhala mahzen, ma gabet l-ebda prova sabiex issostni din l-eccezzjoni taghha. Ix-xhud Joseph Camilleri li jghid li dan il-mahzen jaqa’ taht l-amministrazzjoni tieghu, meta mistoqsi dwar l-istat li jinsab fih il-bieb u l-faccata tal-fond jghid li ghalih huma tajbin. Izda r-ritratti

esebiti mir-rikorrent juru mod iehor. Jghid li l-bieb kien mibrum il-gewwa ghax xi hadd prova jisgassah izda minn naha tieghu ma ghamel xejn dwar dan, la rapport mal-Pulizija, la informa lis-sid u lanqas ha hsieb jirrangah hlief fil-mori tal-kawza.

Iz-zewg xhieda mressqa mis-socjetà intimata u cioè l-istess Camilleri u ohtu Higgans, jghidu li l-imsemmi fond jintuza ghall-hazna ta' oggetti 'seasonal' u 'slow moving'. Però ma jaqblux dwar kemm fil-fatt jintuza l-istess fond. Camilleri jghid li jibghat il-haddiema jgibu x-xoghol minn hemm meta jkun hemm bzonn u jinzamm rekord fuq is-sistema tal-'istock taking' tal-kompjuter. Però ma gab l-ebda prova ta' dan. U ghalhekk ix-xhieda tieghu ma giet sostnuta bl-ebda element iehor. Dan il-Bord huwa tal-fehma li ma jistax joqghod fuq dak li qal dan ix-xhud u dan minhabba l-imgieba tieghu waqt li kien qed jixhed, il-mod evasiv li xehed, kif ukoll minhabba li dak kollu li qal ma kienx jafu b'certezza izda kien evidenti li kien qed jirrispondi kif jaqbel ghall-kaz tieghu. Tant li jaghti wkoll verzjonijiet differenti. Wasal biex qal li t-timbru ahmar fuq ir-ritratti maghmul min-Nutar biex jawtentika l-istess, huwa zebgha hamra meta l-garaxx kien laqqat daqqa ta' trakk ta' kulur ahmar. Anke hawn ma kien ghamel l-ebda rapport ghax sakemm ma nsteraq xejn ma kienx jimpurtah. Il-verità hi li fil-fatt dan l-incident qatt ma sehh ghax dak l-ahmar huwa timbru tan-Nutar sabiex jawtentika l-istess ritratti.. Illi ghalhekk huwa evidenti li dan ix-xhud ma kienx qed jghid il-verità u x-xhieda tieghu m'ghandha xejn mis-sewwa.

Illi s-socjetà intimata resqet xi ritratti allegatament tal-fond minn gewwa. Mill-istess ritratti ma jirrizulta minn imkien li dawk huma fil-fatt ritratti minn gewwa tal-imsemmi fond u jistghu jkunu ritratti ta' kwalunkwe post iehor. U ghalhekk anke dawn ir-ritratti mhumiex attendibbli.

Illi ghalhekk mill-assjem tal-provi l-Bord huwa tal-fehma li r-rikorrent prova sodisfacentament il-kawzali tan-non uzo kif ukoll tal-hsarat.

Illi fir-rigward tal-kawzali tal-bzonn personali, din il-kawzali ma tapplikax ghall-fondi kummercjali u ghalhekk qed tigi respinta.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti u ghall-fini ta' zgumbrament jiffissa terminu ta' tletin (30) jum mil-lum, bl-ispejjez kontra s-socjetà intimata.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur